# 1

## *Ufficju tal-Magistrat kwerelanti .  Fil-ghodu.*

## *Hi wieqfa, bil-bicca tat-tfarfir f'idejha hu bil-qieghda gol-fajls*

| | |
|---|---|
| Estelle BELOT | U jien issummajt hemm<br><br>Ma kont qed nifhem xejn minn da' kollu<br><br>Dal-hoss ta' gelgul ... li dejjem beda jinstema' iktar ... kien hemm bzonn nahrab ... ma stajtx ... minkejja dan ma kontx marbuta<br><br>Smajt il-kelma « evidentement »<br><br>Bdejt nistaqsi lili nnifsi jekk kienx hu li kien qed jitkellem jew jien kont certa li ma kontx jien  imma fl-istess hin ma setghax kien hu ghax id-demm kien niezel gelgul mill-qurriegha ta' rasu bhallikieku kellu l-ghadam ta' rasu maqsum fi tnejn u jigri ghal gewwa halqu kbir miftuh<br><br>« Evidentement » mill-gdid u hemmhekk indunajt li kien halqi li kien qed ilissen il-kelma « evidentement »  kien hu kont gharaftu<br><br>Id-demm cajparlu ghajnejh u jgelben sa halqu   kien hu<br><br>Hemm kien<br><br>Penaud<br><br>Idejh miftuha<br><br>Dak li (int) smajt il-bierah u li qal li ma kienx hu<br><br>Indunajt li kien hu |
| PHELYPEAUX | Tirrakontax iktar din il-holma |
| BELOT | Xi kultant igibuk f'tieghek |

| | |
|---|---|
| PHELYPEAUX | Ejja naslu ghall-punt  sinjorina dwar x'ghandna naghmlu dal-ghodu<br><br>Min hu?<br><br>U ieqaf farfar mhux xoghlok inti deputat registratur hawn mhux mara tad-dar |
| BELOT | Is-Sinjura Borg naghtat estensjoni tal-leave tal-mard Sur Magistrat hemm fuq qed jghidu li m'hu ha jkollhom lil hadd flokha<br><br>Ma jistax ikun inhallu t-trab jingema' ghall-eternita' |
| PHELYPEAUX | Hu ?  mhux dak  ta' xaghru ahmar ? |
| BELOT | Le<br><br>Dak ammetta kollox<br><br>l-iehor siehbu li ma waqafx jirrakonta<br><br>« imma ladarba ma kontx hemm »<br><br>fit-toilets tan-nisa tal-bar New York ?<br><br>Imma ladarba ma kontx hemm<br><br>Ma stajtx  nirrejpjha jien<br><br>Dak li kien qed jilghab bil-katina li kellu ma ghonqu bis-salib<br><br>(Hi tfarfar il-bicca, titwiha u tpoggiha f'postha)<br><br>Xejn lussu |
| PHEL | Imma mhux wiehed mid-doveri tieghek<br><br>Nerga' nirrepetilek |

| | |
|---|---|
| BELOT | Ghandek wiccek isfar mewt jekk nista' nazzarda naghddilek rimarka jien ukoll |
| PHEL | Ezattament ninsab fl-ahjar forma ghall-kuntrarju<br><br>Ahna ma nuzawx il-lejl l-istess inti tghaddi tieghek tohlom u jien niggerra l'hinn u l'hawn |
| BELOT | Ma nafx kif jirnexxilek tibqa' wieqaf fuq riglejk it-tnejn b'dil-hajja li qed tghix. |
| PHEL | Lejla il-hin kollu niggerra theddlek imma tnejn wara xulxin thossok tqum aktar fuq tieghek. Fil-hanut ta' Cikka l-ikel bnin in-nies isemmuh u mmur niddeverti hemm.<br><br>Qatt ma mort? Ghid lil sehbitek tistiednek u nirrakkomandak jien Yvonne isajjar a l-antika il-prezzijiet m'intix se ssib ahjar minnhom il-bierah kellha bicca ta' salamun qlietha minn naha wahda trid u maghha tixrob ftit inbid.<br><br>Gej minn xi bidwi li jirrezervalha terz tal-bittijji tieghu konna hamsa fuq il-mejda u ghaddew tnax-il flixkun minn that idejna u xrobnihom sat-tlieta ta' fil-ghodu meta riedet taghlaq<br><br>Kien hemm il-Kummissarju Gemier ma' zewg spetturi minn tieghu Gollet u Merolleau kien hemm Baron is-sostitut fuq mwejjed ohra kien hemm xi tfajliet minn New York jirrakkuntaw l-istejjer taghhom bla waqfien u imbaghad jien tlaqt lil hemm<br><br>Imxejt matul ix-xmara mit-tlieta sal-hamsa ta' fil-ghodu. Ix-xmara Loire ghandha xi haga magika. Meta sebah, kont wasalt quddiem il-bieb tad-dar tieghi. Hadt banju shun ezatt kif ghandu jkun u qaxxart il-lehja<br><br>Ohrogli l-fajl Blache |